# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 29 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 4.**
**Citazz. Nru. 1000/00 JRM**

**Joseph u martu Wilma VANCELL**

**vs**

**Emmanuel MAGRI f'ismu proprju kif esercenti l-kummerc taht l-isem "JAWS ALUMINIUM".**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2000, li bih l atturi, wara li ppremettew:

Illi fl-10 ta' Settembru, 1996, huma ordnaw ghand il-konvenut diversi bibien u twieqi tal-aluminium ghall-basement tad-dar taghhom 142, Triq Patri Indri' Vella, Pembroke, ghas-somma miftehma ta' erba' mija u disgha u ghoxrin liri maltin (Lm429) u dana skond kif jirrizulta mill-anness Dok "JV1" u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hemmhekk miftehma;

Illi fil-11 ta' Marzu, 1997, huma ordnaw ukoll ghand il-konvenut diversi bibien u twieqi ohrajn ghall-imsemmija dar taghhom bil-prezz ta' elf, tmien mija u tmienja u tmenin lira maltin (Lm1,888) u dana skond kif  jirrizulta mill-anness Dok "JV2" u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hemmhekk miftehma;

Illi fis-17 ta' Marzu, 1997, huma hallsu lill-konvenut is-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) bhala akkont u sabiex jinxtara l-materjal rikjest ghall-imsemmija xogholijiet;

Illi l-konvenut esegwixxa in parte dawn iz-zewg kuntratti ta' appalt izda x-xogholijiet maghmulin minnu ma sarux kif titlob is-sengha u l-arti, u m'humiex skond il-kwalita' pattwita kif ukoll illi whud minn dawn ix-xogholijiet addirittura ma sarux u dana kif jirrizulta dettaljatament mill-anness rapport peritali markat Dok "JV3" kompilat mill-perit arkitett Anthony Muscat A & C E;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jersaq ghar-risoluzzjoni bonarja ta' din il-vertenza, izda baqa' inadempjenti;

Huma ghalhekk talbu li, ghar-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmija xogholijet maghmulin u konsenjati mill-konvenut lilhom fid-dar taghhom 142,  Triq Patri Indri' Vella, Pembroke, ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti u m'humiex tal-

kwalita' pattwita u li whud minn dawn l-imsemija xogholijiet ma sarux;

2. Tiddeciedi, konsegwentement, illi l-kuntratti ta' appalt datati 10 ta' Settembru, 1996, [Dok "JV1"] u 11 ta' Marzu, 1997 [Dok "JV2"] li saru bejn il-kontendenti jigu xolti u tigi rifuza minnu lilhom is-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) li thallset minnhom kif hawn fuq spjegat u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenut, prevja d-debita likwidazzjoni, ihallas id-danni kollha sofferti minnhom, inkluz id-danni biex jigi rimedjat u rimpjazzat ix-xoghol hazin u li ma sarx mill-konvenut u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 28 t'Awissu, 1999, kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-atturi, u kif ukoll it-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tal-25 ta' Settembru, 2000, li permezz tieghu laqghet ir-Rikors tal-atturi biex jinnotifikaw lill-konvenut bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni skond l-artikolu 173 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-avviz f'pagna 18 tal-process;

Rat in-Nota tal-atturi tad-9 ta' Novembru, 2000, f'pagna 20 tal-process;

Rat li l-konvenut, minkejja li gie kif ghandu jkun notifikat bil-kawza u bl-avviz tas-smigh, naqas li jikkontesta t-talbiet

attrici u wkoll li jidher quddiem il-Qorti meta l-kawza giet imsejha, u b'hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-atturi, fosthom dikjarazzjoni tar-rinunzja tal-atturi ghat-tielet talba taghhom;

Rat l-atti l-ohrajn kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi jirrisulta sewwa mill-provi dokumentali li jinsabu fil-process li bejn Settembru tal-1996 u Marzu tal-1997, il-konvenut kien ta lill-atturi stima ta' xogholijiet fl-aluminju ta' ghadd ta' aperturi ta' qisien differenti. Kellhom jitwahhlu hmistax-il bieb u dsatax-il tieqa. Iz-zewg stejjem rilevanti huma limitati ghal taghrif dwar il-kejl u l-ghamla ta' kull wahda mit-twieqi u kull wiehed mill-bibien u l-prezz korrispondenti. M'hemmx tismija ta' data ta' konsenja u lanqas ta' mod ta' kif isiru l-hlasijiet;

Illi jidher li l-konvenut b'xi mod beda jesegwixxi x-xogholijiet li l-atturi qabbduh jaghmel, u dan kien iwettqu b'mod inkonsistenti u bin-naqra n-naqra, ukoll mghejjun mill-fatt li x-xoghol kien qieghed jitwahhal f'dar tal-atturi li kienet ghadha qeghda tinbena u li l-konvenut kien jista' jidhol fiha minghajr il-htiega li l- atturi jkunu presenti fil-hin illi jkun hemm;

Illi l-atturi jghidu li hallsu lill-konvenut elf lira akkont ftit jiem wara li nghataw it-tieni stima minghand il-konvenut.

Dan il-fatt huwa konfermat bil-gurament u ma ntweriet l-ebda ricevuta;

Illi, minbarra li l-konvenut ma temmx ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel, jidher li hemm problemi wkoll fix-xoghol li lahaq ikkonsenja. Ir-rapport dettaljat mahrug mill-perit Muscat, mahtur mill-atturi, jaghti dehra cara tan-nuqqasijiet fix-xoghol moghti mill-konvenut u kif dawn in-nuqqasijiet ghadhom esistenti f'April ta' din is-sena, jigifieri kwazi erba' (4) snin wara li nghatat l-ewwel stima lill-atturi. Minbarra f'hekk, l-istess rapport jixhed li hemm nuqqasijiet jew nuqqas ta' konsenja f'minn tal-anqas zewg terzi tal-aperturi kollha li l-konvenut kien intrabat li jforni lill-atturi;

Illi l-ligi tippreskrivi li min jaghti appalt lil xihadd jista' jholl il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda [art. 1640 (1) tal-Kapitolu 16]. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas biss lill-appaltatur tal-prezz tal-materjal li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-xoghol [art. 1640 (3)], liema prezz jitnaqqas minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur, li, min-naha tieghu, ghandu jrodd lura lil min qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa bil-quddiem li tisboq il-prezz tal-materjal uzat u moghti lill-appaltant [art. 1640 (4)];

Il-ligi, tipprovdi wkoll li hekk kif, min jaghti x-xoghol, jgharraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviz iservi biex iholl minnufih il-kuntratt, minghajr il-htiega tal-ebda awtorizzazzjoni jew konferma minn xi qorti {art. 1640 (5)];

Il-Qorti rat ukoll l-artikoli 1077, 1079 (b), 1127, 1130 (2) u 1133 tal-Kodici Civili, u dan ukoll fid-dawl ta' dak li xehed l-attur waqt is-smigh tal-kawza dwar it-talbiet imtennija li l-

konvenut ghamillu matul dan iz-zmien kollu biex igeddidlu z-zmien halli jlestilu x-xoghlijiet imweghda w ordnati;

Illi, fil-qafas tax-xhieda li tirrisulta mill-atti tal-process, il-Qorti hija tal fehma li x-xoghol esegwit mill-konvenut kien jaqa' tant 'l isfel mil-livell ta' kwalita' li kien mistenni li jilhaq, li l-atturi jistghu jkunu gustifikati li jqisu li prattikament l-appalt ma twettaqx, ukoll jekk ix-xoghlijiet konsenjati ghadhom imwahhlin fil-post. Huwa car li, ghall-atturi x-xoghol li jista' ghad hemm imwahhal fil-post m'ghandu l-ebda utilita' u x'aktarx li sejrin ikollhom jidhlu fi spejjez biex iqabbdu lil min inehhih u certament li se jidhlu fi spejjez biex iqabbdu lil haddiehor jaghmel xoghol gdid minflok dak li wettaq il-konvenut. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza maqtugha mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 1995, fil- kawza fl-ismijiet **Carmel Gauci vs Maurice Grixti** li fliet b'reqqa u fil-fond il-qaghda legali ta' appalt meqjus mhux imwettaq ghal kollox;

Illi, kif inghad, il-konvenut naqas li jersaq 'il quddiem biex jichad jew ixejjen il-kaz tal-atturi u, ghalhekk, b'zieda mal-konsiderazzjonijiet maghmulin aktar 'il fuq, din il-Qorti ssib li t-talbiet attrici huma misthoqqa;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tiddikjara li x-xoghlijiet maghmulin mill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa u konsenjati lill-atturi ma kinux skond is-sengha u l-arti u m'humiex tal-kwalita' miftehma, u wkoll li xoghlijiet ohrajn ordnati ma gewx konsenjati;

**Tilqa' t-tieni talba**, u tiddikjara mahlulin il-ftehim maghmulin bejn il-partijiet fl-10 ta' Settembru, 1996, u l-11 ta' Marzu, 1997, filwaqt li **tikkundanna lill-konvenut** irodd lura s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) imhallsa

lilu bil-quddiem mill-istess atturi, u dan mhux aktar tard minn xahrejn millum;

Tastjeni milli tiddeciedi dwar it-tielet talba attrici minhabba li l-atturi rrinunzjaw ghaliha;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut li ghandu jhallas ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-somma msemmija fit-tieni talba tal-atturi b'effett minn dak inhar li jaghlaq iz-zmien moghti lilu biex irodd lura dik is-somma.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru, 2000.**